



---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2017/2158(DEC)**

20.2.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) għas-sena finanzjarja 2016 (2017/2158(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Jakob Dalunde

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2016 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jinnota li l-baġit annwali tal-Aġenzija għall-2016 kien ta' EUR 193,4 miljun, li minnhom EUR 36,4 miljun ġew mis-sussidji tal-UE, EUR 95,9 miljun minn ħlasijiet u imposti waqt li EUR 2,1 miljun kienu kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi; jinsab sodisfatt li l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzija kienet l-ogħla li qatt inkisbet - 99 %; jinnota li, mill-perspettiva baġitarja, l-Aġenzija temmet l-2016 b'telf ta' EUR 9,3 miljun, li EUR 1,6 miljun minnhom huma relatati mal-attivitajiet koperti mis-sussidju tal-UE u EUR 7,7 miljun huma marbuta ma' attivitajiet koperti minn tariffi u imposti; jinnota wkoll li l-Aġenzija naqqset id-defiċit ta' EUR 7,7 miljun mis-surplus akkumulat, u minn EUR 59,9 miljun naqsitu għal EUR 52,3 miljun, u qed tistenna struzzjonijiet mill-Kummissjoni dwar it-telf ta' EUR 1,6 miljun relatat mas-sussidji;
3. Jinnota li minn EUR 6,8 miljun riportati għall-2016 ġew imħallsa 96 %, biex b'hekk inqabżet il-mira ta' 95 % stabbilita mill-Kummissjoni; l-ammont riportat mill-2016 għall-2017 kien ta' EUR 81,5 miljun, magħmul minn EUR 9,2 miljun ta' riport awtomatiku u EUR 72,3 miljun relatati ma' attivitajiet ta' ċertifikazzjoni trattati bħala dħul assenjat;
4. Jinnota li matul l-2016 twettqu 18-il eżerċizzju ta' kontroll ex post, li jkopru l-oqsma ta' kontroll annwali ex post tal-allowances għall-iskola, rimborżi tal-missjonijiet lill-esperti esterni, proċeduri ta' akkwist kompletati u rimborżi tan-nefqa għall-missjonijiet; jilqa' l-fatt li, b'mod ġenerali, it-tranżazzjonijiet kollha vverifikati kienu legali u regolari;
5. Itenni l-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza tal-persunal tal-Aġenzija u tal-esperti esterni; jilqa', f'dan il-kuntest, l-isforzi li qed isiru biex il-kunflitti ta' interess jiġu impediti u ġestiti kif suppost, filwaqt li jitqiesu l-osservazzjonijiet tal-Parlament; jinnota li l-Aġenzija pprovdiet it-taħriġ rilevanti lill-persunal tagħha, iżżomm Reġistru tal-Kunflitt ta' Interess u qed tkompli bir-rieżami tal-Politika tagħha "dwar l-imparzjalità u l-indipendenza: il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-Kunflitt ta' Interess" bil-għan li tkompli ttejjeb il-proċess intern għat-tlestija, ir-reviżjoni u l-aġġornament tad-Dikjarazzjonijiet ta' Interess tal-membri tal-persunal tal-Aġenzija; jilqa' l-fatt li iktar minn 80 % tal-persunal tal-EASA ġew imħarrġa dwar kwistjonijiet ta' kontra l-frodi sa tmiem l-2016, u jħeġġeġ lill-Aġenzija timmira li tħarreġ lill-persunal kollu tal-EASA; jinnota wkoll li l-Aġenzija pproduċiet kodiċi ta' kondotta, inkluża politika dwar il-Kunflitt ta' Interess u dikjarazzjoni ta' interessi għall-esperti esterni li jappoġġaw il-ħidma tal-Aġenzija, u li dan il-kodiċi ta' kondotta għen biex titjieb il-kwalità tal-ħidma tal-Aġenzija u tiġi żgurata ġestjoni aħjar tad-dmirijiet tagħha;
6. Jinnota r-riżultati tat-tielet eżerċizzju biex jiġu stabbiliti parametri ta' riferiment għall-impjiegi fl-Aġenzija, li wrew li 12,5 % tal-impjiegi kienu ddedikati għall-appoġġ amministrattiv u l-koordinament, 81,0 % għall-kompiti operattivi u 6,4 % għall-kompiti

(finanzjarji/ta' kontroll u lingwistiċi) newtrali; jinsab kument li fir-Rapport Annwali tal-2016 ġiet inkluża lista tal-persunal imqasma skont il-kategorija u s-settur, kif ukoll skont is-sors ta' finanzjament għall-attivitajiet tagħhom (tariffi u imposti vs sussidji tal-Unjoni), u din turi li 60.4 % tal-impjeggi, fosthom 50.1 % ta' karigi operattivi, huma ffinanzjati minn tariffi u imposti, u 33.8 % tal-karigi huma ffinanzjati mis-sussidju tal-Unjoni; jinnota li għat-tieni sena konsekuttiva l-Aġenzija kisbet l-okkupanza sħiħa tal-karigi kollha skont il-pjan ta' stabbiliment; jinnota diskrepanza fil-pjan ta' stabbiliment bejn id-diversi karigi AD u AST awtorizzati skont il-baġit tal-UE u l-karigi li imtlew tassew, u jitlob lill-Aġenzija tindirizza dak l-iżbilanċ;

7. Itenni li r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> tipprevedi t-twessigħ tal-ambitu ta' kompetenza tal-Aġenzija u li, għaldaqstant, ir-rwol li jiżvolgħu t-teknoloġiji l-ġodda bħalma huma s-sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod irid jitqies kompletament meta jiġu assenjati kompetenzi ġodda; jisħaq fuq l-importanza li jiġi allokat finanzjament adegwat lill-Aġenzija biex jiġi żgurati li dawn ir-responsabilitajiet il-ġodda jiġu assorbiti b'suċċess, kif ukoll li jkun hemm allokkazzjoni adegwata ta' persunal ikkwalfikat sabiex iwettaq kompiti addizzjonali;
8. Jittama li jkun hemm aċċellerazzjoni tad-dħul fis-seħħ tar-regolament Ewropew dwar id-droni; jenfasizza r-rwol fundamentali li l-Aġenzija tiżvolġi biex tiżgura l-ogħla livell possibbli ta' sikurezza fl-avjazzjoni fl-Ewropa kollha; jisħaq fuq il-fatt li, fil-kuntest ta' avjazzjoni ċivili li qed tiżviluppa rapidament, kif jixhed l-użu dejjem ikbar ta' droni, l-Aġenzija għandha tingħata r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani meħtieġa biex twettaq b'suċċess il-kompiti regolatorji u eżekuttivi tagħha fl-oqsma tas-sikurezza u tal-protezzjoni ambjentali, mingħajr ma jkunu kompromessi l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha;
9. Jilqa' l-qbil politiku dwar ir-reviżjoni tar-regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>, kif miftiehem f'Novembru 2017 mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu r-riżorsi meħtieġa għall-kompetenzi ġodda u msaħħa dwar, fost l-oħrajn, ir-riskji għall-avjazzjoni ċivili li jkunu ġejjin minn żoni ta' kunflitt, it-temi relatati mal-ambjent u ċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ;
10. Jilqa' r-rwol attiv tal-Aġenzija fis-sejħa għall-proposti fil-qafas tal-programm Orizzont 2020; iħeġġeġ lill-Aġenzija tibqa' attiva fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;
11. Jappoġġa l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma biex jagħti ħarsa lejn ir-riskji potenzjali u l-impatt ta' Brexit; jirrakkomanda li l-Aġenzija taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra dwar din il-kwistjoni; jipproponi li l-Aġenzija tippreżenta r-riżultati ta' dan il-grupp ta' ħidma lill-Parlament Ewropew fi żmien debitu;

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament COM(2015) 613: Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

12. Jinnota li fl-aħħar ġie ffirmat ftehim dwar il-kwartieri ġenerali tal-EASA bejn l-Aġenzija u l-Gvern Ġermaniż f'Diċembru 2016; jilqa' ċ-ċaqliq lejn il-bini l-ġdid u ddisinjat speċifikament għal dan l-iskop tul l-2016; jinnota li sabiex tkopri l-ispiża ta' EUR 12,4 miljun għar-rinovazzjoni, it-tneħħija u r-rilokazzjoni lejn il-bini l-ġdid, l-Aġenzija nefqet EUR 9,4 miljun matul il-perjodu 2014 - 2016 (4,4 miljun fl-2016) mis-surplus akkumulat u EUR 3 miljun mis-sussidju tal-UE;
13. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.2.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Marie-Christine Arnautu, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Andor Deli, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Maria Grapini, Dieter-Lebrecht Koch, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Renaud Muselier, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Jill Seymour, Keith Taylor, Pavel Telička, István Ujhelyi, Wim van de Camp, Marie-Pierre Vieu, Janusz Zemke, Roberts Zīle, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jakop Dalunde, Michael Detjen, Markus Ferber, Rolandas Paksas, Jozso Radoš, Evžen Tošenovský, Henna Virkkunen
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Olle Ludvigsson

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>40</b>	<b>+</b>
ALDE	Izaskun Bilbao Barandica, Jozo Radoš, Dominique Riquet, Pavel Telička
ECR	Jacqueline Foster, Tomasz Piotr Poręba, Evžen Tošenovský, Roberts Zīle
EFDD	Daniela Aiuto, Rolandas Paksas
GUE/NGL	Marie-Pierre Vieu
PPE	Georges Bach, Deirdre Clune, Andor Deli, Markus Ferber, Dieter-Lebrecht Koch, Marian-Jean Marinescu, Renaud Muselier, Markus Pieper, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Henna Virkkunen, Luis de Grandes Pascual, Wim van de Camp, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
S&D	Lucy Anderson, Isabella De Monte, Michael Detjen, Ismail Ertug, Maria Grapini, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Olle Ludvigsson, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, István Ujhelyi, Janusz Zemke
Verts/ALE	Michael Cramer, Jakop Dalunde, Keith Taylor

<b>1</b>	<b>-</b>
EFDD	Jill Seymour

<b>1</b>	<b>0</b>
ENF	Marie-Christine Arnautu

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni